# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001**

**Numru 39**

**Citaz. numru 183/88 DS**

Francis Vassallo bhala direttur in rapprezentanza tas-socjeta` Vassallo Concrete Supplies Limited
vs
Paul Agius

Illum, 2 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta' Marzu 1988 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut kwantitia ta' ready-mix concrete fl-1985 u fl-1986.

Illi l-konvenut fadallu jhallas lis-socjeta' attrici bilanc ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm681.08) bilanc mill-prezz originali tal-imsemmi ready-mix concrete.

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti fil-hlas nonostante l-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1987.

talab lil din il-Qorti prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine a terminu tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u procedura civili ;

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm681.08).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1987, bl-imghax kummercjali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni hija preskritta taht l-artikolu 2148(b) u, sussudjarjament, taht l-artikolu 2149(a), tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi, fil-mertu, l-eccipjent m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 1989 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet tal-21 ta' Lulju 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-3 ta' Novembru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu bilanc ta' Lm681.08 li jsostni ghadu dovut mill-konvenut fuq diversi konsenji ta' *concrete supplies* u merkanzija relatata. Il-konvenut isostni li ma baqaghlu jhallas xejn peress li huwa diga` hallas, parti in kontanti u parti bi tpacija permezz ta' konsenji ta' gebel lil wiehed mill-azjonisti tas-socjeta` attrici.

In sostenn tat-talba taghha s-socjeta` attrici esebiet estratti mill-kotba ta' kontabilita` taghha li gew ikkonfermati bil-gurament mill-awditur James Griffiths. Inoltre l-attur nomine esebixxa mija u sittin dokument li gew immarkati mill-perit legali bhala Dok. JV1 sa JV160. Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'kopji ta' *delivery notes, ledger cards* u *invoices* mahruga

mis-socjeta` attrici lill-konvenut. L-awtenticita` giet accettata mill-konvenut.

Mill-banda l-ohra l-konvenut qajjem oggezzjonijiet ghal hamsa minn dawn id-dokumenti – Dok. FV13, FV14, FV17 u FV21 li qal li l-firma fuq il-kelma "receiver" li la hi tieghu u lanqas ta' xi impjegat jew persuna mqabbda minnu, u inoltre dwar l-*invoice* annessa mad-Dok. FV21 qal li jaccetta biss li ha s-*supply of concrete* u mhux il-materjal l-iehor – filwaqt li in sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu esebixxa bhala Dok. PA1 pagna ta' pitazz bil-kitba tieghu, bhala Dok. PA2 kopja ohra ta' l-istess notamenti (ghalkemm mhux fl-istess ordni) u bhala Dok. PA2B fotokopja ta' numru ta' *stubbs*. Il-perit legali osserva li meta l-konvenut kien xehed quddiem il-Qorti fid-19 ta' April 1989 ma ghamel l-ebda accenn ghal dawn id-dokumenti ghalkemm xehed fuq il-kwistjoni tat-tpacija.

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-perit legali qal li fil-fehma tieghu s-socjeta` attrici wettqet l-obbligu taghha li tipprova l-kaz taghha b'mod li sahansitra jissupera l-bazi ta'probabilta`. Ix-xiehda ta' l-attur nomine u tax-xhud principali l-iehor Paul Scriha kienet cara u konsistenti u ben sopportata b'dokumentazzjoni li tidher mizmuma b'mod regolari. L-estratti tal-kontabilita` juru d-dettalji tal-kontrattazzjonijiet kollha u ma ngabet ebda prova tangibbli konvincenti jew accettabbli kontrihom. L-istess ghandu jinghad ghall-160 dokument esibiti waqt is-seduti peritali. L-unici oggezzjonijiet sollevati mill-konvenut kienu minimi u fin-natura taghhom dubbjuzi u mhux sopportati minn ebda fattur iehor li jista' jew seta' b'mod konvincenti jaghtihom konfort ta' kredibilita`.

Il-perit legali kompla josserva li l-konvenut qieghed jistrieh essenzjalment fuq il-fattur tat-tpacija in sostenn tad-difiza tieghu li ma

hemm l-ebda ammont minnu dovut lis-socjeta` attrici. Issa l-fatt li kien hemm f’okkazjoni partikolari tpacija, jirrizulta wkoll mid-dokumenti esibiti mis-socjeta` attrici. Difatti fl-estratt a fol. 30 tal-process jidher li fit-28 ta’ Frar 1986 saret tpacija fl-ammont ta’ Lm512.25 (“set-off Vassallo Builders”). Huwa probabli, kif tajjeb afferma l-perit legali, li din hija t-tpacija li kellu f’mohhu l-konvenut peress li d-dokumenti minnu esebiti jirreferu ghal Gunju u Lulju 1985 (u f’somma inferjuri ghal dik li fil-fatt tnaqqset mis-socjeta` attrici). Kuntrarjament ghal dak li allega l-konvenut, ma jidhirx li dik it-tpacija ghalqet il-kontijiet bejn il-partijiet.

La l-konvenut kien qed jallega tpacija konkluziva, kellu l-oneru li jipprova dak li kien qed jallega. Dan m’ghamlux. Barra minn hekk fis-sentenza preliminari diga` citata, din il-Qorti kif dakinhar presjeduta u li kellha l-okkazjoni tisma’ x-xiehda moghtija *viva voce* kkummentat li “l-konvenut huwa pjuttost dubbjuz f’dak li qal u fil-fatt ma jzommx notamen ti tan-negozju tieghu. Mill-banda l-ohra l-attur u x-xiehda li gab xehdu minn fuq il-kotba tas-socjeta` attrici li jidhru mizmuma regolarment. Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ftit jista’ jkun hemm dubju li l-provi ta’ l-attur huma aktar attendibbli u ta’ min joqghod fuqhom.”

Il-perit legali stqarr li x-xiehda akkwizita waqt is-seduti peritali kkonfermaw ghal kollox din il-konkluzjoni. Difatti, waqt li l-konvenut fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti kien qal li ma jzommx notamenti dwar in-negozju tieghu, sentejn wara waqt seduta peritali xehed li “rnexxielu” jsib xi notamenti. L-inkonsistenza tieghu u nuqqas ta’ provi sufficjenti da parti tieghu jkomplu jsahhu l-konkluzjoni li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha u l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma mitluba ta’ Lm681.08.

Ghal dawn il-motivi:-

Tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm681.08. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur